**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 84/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**
**vs**
**Rodrick Muscat**

**Illum 19 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Rodrick Muscat ta' 28 sena, bin Gorg u Maria Teresa xebba Gatt imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Settembru 1987, u joqgħod 51 Flat 1, Sqaq Brittaniku, Hal Tarxien jew Binja 2 San Filippu Flat 2, Triq is-Sirene, l-Isla, detentur tal-karta tal-identità numru 436087M.

Akkużat talli

Fit-8 ta' Novembru 2015 u fi żmien qabel fil-Birgu, Malta u fil-Gżejjer Maltin, fl-istess xjentement xtrajt jew ilqajt għandek ħwejjeġ misruqa meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod ieħor li jkun indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess dati, hin, lok u ċirkostanzi bħala persuna ikkundannata f'Malta għal serq jew għal riċetazzjoni, instab fil-pussess ta' oġġetti oħra, li ma kienux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma' kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu kif ukoll instabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien u dan bi ksur tal-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija titratta lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu mgħotija lil Rodrick Muscat u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata l-14 ta' Settembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioè', stqarrija tal-imputat dok HC1, tlett ritratti immarkati dok HC2 sa dok HC4, rapport dok HC5, rifjut għal jedd tal-parir legali dok HC6, fedina penali tal-imputat dok HC7, estratt mill-att taċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat dok HC8, żewġ sentenzi immarkati dok HC9 u HC10, dokument RC1, Dok JA1 u JA2, Proċess Verbal redatt mill-Magistrat Dr Monica Vella dok NC1, dok POL1 – ċertifikat tat-twelid, dok CE1.

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioè lil Spettur Hubert Cini, Celaine Schembri, Ronald Cachia, Carmen Peplow, PC 54 Jonathan Azzopardi, PS 931 Carmel Zarb, deputat reġistratur Nadia Ciappara, PS 1257 Conrad Ellul.

**Spettur Hubert Cini** qal li f'Ottubru 2015 kienet seħħet serqa minn ġewwa l-istabbiliment Eurosport fi Pjazza Antoine de Paule fejn kienu insterqu diversi slippers. Waqt li f'Novembru 2015 kien ġie infurmat li kien

hemm persuna qegħda tbiegħ xi oġġetti simili għal dawk li kienu insterqu, ġewwa car booth sale fil-Birgu. Il-persuna li kien qiegħed ibiegħhom kien l-imputat Roderick Muscat u minħabba li kienu jaqblu mad-deskrizzjoni tal-oġġetti li kienu insterqu ġew miġbura u arrestat. Skont ma' kien qallu l-imputat kien ra avviż fuq Maltapark u kien xtara dawn l-affarijiet minn għand persuna għal għaxar (10) ewro għal kull par u minn għandu kien xtara 26 par. Il-persuna mingħand min kien xtrahom ma kienx jaf min hu u minn tfittxija li kienu għamlu l-Pulizija fir-residenzi tiegħu ma kienx irriżulta xejn.

**Celaine Schembri** kienet għamlet rapport wara li fejn taħdem u cioè ġewwa l-Eurosport li qiegħed fi Pjazza Antoine de Paule, kienet sabet xi affarijiet nieqsa bħal ħwejjeġ u oġġetti oħra. Hija sabet li kien hemm il-bieb tal-bejt mitfugħ. Hi qatt ma kienet rat slippers xi mkien oħra. Illi meta ġiet murija s-sett ta' ritratti dok HC4 u dok HC2 hija qalet li kellha bħalhom fil-ħanut. Waqt li meta ġiet murija dok HC3, ikkonfermat li dak kien bis-sale u meta jkun hekk tagħmel marka fuqhu u fil-fatt ikkonfermat li l-kitba li kien hemm kienet tagħha. Fuq dan iż-żarbun partikolari hija setgħet tikkonferma li kien minn tagħhom.

**Ronald Cachia** huwa jaħdem bħala Head of Accounts ma' Michele Peresso fejn kien ġie mitlub jagħmel stokk take tal-oġġetti li ġew nieqsa. Huwa sab li kien hemm xogħol nieqes li jammonta għal 9661 ewro. Fil-lista li huwa esebixxa hemm inklużi l-oġġetti kollha li ġew misruqa kif ukoll l-islippers.

**Carmen Peplow** qalet li taħdem ġewwa l-Eurosport bħala salesgirl fejn f'Ottubru 2015 kienet indunat li kien hemm oġġetti nieqsa minn ġewwa l-ħanut. Kien hemm ukoll nieqes diversi slippers u meta ġiet murija dok HC2 sa dok HC4 fejn ikkonfermat li kellhom bħalhom u fejn kien hemm it-tabella kienet taf li għamlitha s-supervisor tagħha.

**PC54 Jonathan Azzopardi** esebixxa dokument immarkat dok JA1 li huwa dikjarazzjoni ta' rifjut għal jedd tal-Avukat. Huwa kien preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija u anki fit-tfittxija. Huwa esebixxa dokument JA2

**PS 931 Carmel Zarb** kien akkumpanja lill-ispettur Hubert Cini fejn kienu marru ġewwa l-Birgu minħabba li kien hemm car booth sale. Meta marru ħdejn l-imputat kien hemm diversi slippers li kienu qeghdin jiġu mibjugħa. Kien involut fi tfittxijiet li kienu saru fir-residenzi tal-imputat iżda ma kienu sabu xejn. Huwa ikkonferma li l-imputat kien irrifjuta d-dritt tiegħu li jikkonsulta ma avukat.

**Nadia Ciappara** esebiet proċess verbal dwar serqa mill-ħanut Eurosport sitwat ġewwa pjazza Antoine de Paul bin-numru 67/2018.

**Ronald Cachia** reġa' xehed u esebixxa lista ta' oġġetti dok RC1 bil-prezz tagħhom u kwantità li tinsab a fol 128.

**PS 1257 Conrad Ellul** kien ħa rapport ta' serqa li seħħet f'Ottubru 2015 ġewwa l-istabbiliment Eurosport li jinsab fi pjazza ta' Raħal il-Ġdid. Ġie esebiet rapport dok CE1.

Rat in-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

(i) Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(ii) Fl-artikoli 261(c), 267, 279(b), 287 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iii) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(iv) Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li fil-verbal tas-6 ta' Novembru 2020 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' bi proċedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat qiegħed jigi akkużat b'diversi imputazzjonijiet fosthom li huwa reċidiv kif ukoll b'riċetazzjoni. Minn dak li ħareġ mill-fatti tal-każ, gara li l-istabbiliment Eurosport sitwat ġewwa Rahal il-Ġdid kien sofra serqa li ġiet irrapportata f'Ottubru 2015. Illi matul iż-żmien il-Pulizija rċeviet informazzjoni li kien hemm persuna waqt li kien qiegħed isir car booth sale ġewwa l-Birgu kien qiegħed ibiegħ żraben li setgħu kienu parti minn din ir-rifurtiva u cioè minn oġġetti li kienu insterqu minn dan l-istabbiliment. Fil-fatt meta marru fil-post fejn kien qiegħed isir il-bejgħ ta' dawn iż-żraben kien ġie arrestat l-imputat. Illi gara li waħda mill-impjegati ta' dan l-istabbiliment għarfet tabella bi prezz li hija stess kienet kitbet fuqha. Illi minn naħa l-oħra, ħareġ li z-żraben li kienu instabu kienu għal kollox simili ghal dawk li kienu insterqu.

**Ikkunsidrat**

**L-Istqarrija tal-Imputat**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti sejra tagħmel referenza dwar l-ammissibilita' tal-istqarrija tal-imputat. Illi għandu jingħad li minn dak iż-żmien li kienet ingħatat is-sentenza saru diversi żviluppi f'dan il-qasam dwar l-ammisibilita' jew le tal-istess stqarrija mgħotija minn persuna waqt l-arrest tiegħu. Illi għalhekk din il-Qorti sejra timxi ma' dawn l-ahhar żviluppi u għalhekk sejra tagħmel referenza għalihom.

Sejra ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**, f'liema kaz fl-istqarrijiet tieghu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-

ewwel stqarrija, kien inghata parir minghand l-avukat tieghu li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda rrisponda ghad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-rizultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti ghalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm ghall-uzu personali tieghu, kif ukoll sabiex ibiegh minnha lil terzi. Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti minghajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu:

> "*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*
>
> *37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*"

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-kaz, kien inghata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tieghu u anke ezercita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tieghu ma jithallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u dan stante illi ma nghatax il-jedd ghall-assistenza legali waqt

l-interrogatorji tieghu. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza taghha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema kaz dik il-Qorti skartat bhala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, wahda minnhom guramentata, u dan ghaliex ghalkemm hija nghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet taghha, madankollu hija ma nghatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx ghadu vigenti fiz-zmien in kwistjoni.

F'dan is-sens ukoll iddecidiet l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u izjed ricentement fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Gunju 2019, f'liema kaz, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija minghajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu u minghajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Dicembru 2018, f'liema kaz l-appellat kien inghata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tieghu u anke ezercitah, izda ma nghatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-kaz, fiz-zmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx vigenti fil-ligi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribadiet il-konkluzjonijiet taghha fis-sentenza precedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**:

> "*14. Ghalkemm, bhall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju ghadu ma sehh l-ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, madankollu, kif osservat fil-kaz ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx ghaqli li l-process kriminali jithalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat Pistella ladarba din, ghallinqas f'parti minnha, ittiehdet minghajr ma Pistella kellu l-ghajnuna ta' avukat. Ghalhekk, ghalkemm ghadu ma sehh ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, fic-cirkostanzi huwa ghaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali sabiex, meta l-process kriminali jintemm, ma jkunx*

*tnigges b'irregolarità – dik li jkun sar uzu minn stqarrija li ttiehdet minghajr ma l-interrogat kellu l-ghajnuna ta' avukat – li tista' twassal ghal konsegwenzi bhal thassir tal-process kollu.*"

Fil-kaz ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deciz mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti regghet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistharreg jekk sehhitx o meno lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Ghalkemm sabet li f'dan il-kaz sehhet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-decizjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-ligi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' access ghall-avukat, u ddecidiet illi l-Qorti ghandha dejjem tistharreg ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux ezawrjenti, elenkati fid-decizjoni taghha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-decizjoni taghha:

"*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

> *(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
>
> *(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
>
> *(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
>
> *(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
>
> *(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
>
> *(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
>
> *(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*"

F'dak il-kaz, meta l-Qorti Ewropea giet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħuda lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess ghall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkuzat gie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel inghata l-opportunita` li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li sehhet wara, ma ngħatax il-possibilità li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma nghata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu ghas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verzjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-rizultat illi ghamel stqarrijiet, li ghalkemm' ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw

sostanzjalment il-posizzjoni tieghu, specjalment fir-rigward ta' akkuza partikolari. Dawn l-stqarrijiet gew ilkoll ikkunsidrati bhala ammissibbli fil-proceduri kontra tieghu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proceduri u fir-rigward ta' akkuza minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bazi taghhom huwa nstab hati.

Fil-kaz deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma nghatax id-dritt tal-access ghall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tieghu, u ghaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi gew lezi d-drittjiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluz li tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li permezz taghha kien instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u gie kkundannat ghal terminu effettiv ta' prigunerija.

F'dan il-kaz, wara li rreferiet ghall-kaz ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deciz mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt wahdu li persuna ma tkunx thalliet tinghata l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghal dan in-nuqqas, ma huwiex bizzejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda wiehed irid iqis il-process fit-totalità tieghu, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza wkoll ghad-decizjoni f'**Beuze v. Belgium** u ghall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq citati minn din il-Qorti) li a bazi taghhom wiehed ghandu jezamina l-proceduri fl-intier taghhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet procedurali fl-istadju ta' qabel il-proceduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

*"20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn ighid illi "l-fatt wahdu illi persuna li tkun instabet hatja ma tkunx thalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha fil-mument tal-investigazzjoni u l-ghotja ta' stqarrija lill-pulizija, minhabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigh xieraq ta' dik l-istess persuna taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa hazin u huwa michud.*

*21. Fil-kaz tallum kien hemm raguni tajba ghala l-attur ma thalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raguni hi li kien hemm il-hsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien mehtieg li l-attur ma jithalla jikkomunika ma' hadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*

*...*

*23. L-attur inghata t-twissija li trid il-ligi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fic-cirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodici Kriminali. ... Hlief ghall-fatt li ma kellux avukat dak il-hin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veracità tal-istqarrija.*

*24. Ghandu jinghad ukoll illi l-attur ma nzammx aktar milli kien mehtieg biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien mehlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, l-istqarrija maghmula lill-pulizija ma kinitx ir-raguni li wasslet ghall-kundanna tal-attur: L-attur instab hati mill-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ghax ammetta l-htija ghal dawk l-akkuzi li ma gewx ritirati. Dan ghamlu fil-prezenza tal-avukat wara li ikkonsulta mieghu u quddiem magistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jehodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur ighid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien gà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'certi cirkostanzi jkun fattur relevanti, izda fil-kaz tal-lum l-attur seta' jichad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta ghamilha u ghalhekk l-istqarrija ma ghamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taht l-art. 658 tal-Kodici Kriminali – seta' sahansitra jirtira l-ammissjoni li ghamel quddiem il-qorti – ghax il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn gudikant togat, kienet taf bizzejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet inghatat qabel, li ma kellhiex toqghod*

> *fuq l-istqarrija wehedha, aktar u aktar jekk tkun giet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda ohra li ma thallix dubju dwar il-htija. Bilkemm ghalfejn nghidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tieghu u fid-dar fejn kien joqghod.*
>
> *28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux ghax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta izda ghax kien jaf bix-xiehda l-ohra kontrieh u biex jiehu l-beneficcju, li fil-fatt inghata, taht l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap. 101].*"

Illi wkoll din il-Qorti tagħmel referenza ghal kawża mghotija riċentement mill-Qorti tal-Appell deċiża nhar il-5 ta' Jannar 2023 mill-Imħallef Dr C. Scerri Herrera fl-ismijiet **il-Pulizija vs George Catania** fejn ukoll ġie ritenut li persuna miżmuma taht arrest u waqt l-interogatorju ma kienx assistit minn avukat wassal sabiex tiġi skartata wkoll l-istqarrija li ġiet rilaxxata. Illi għalhekk fuq dawn l-iżviluppi din il-Qorti din il-Qorti qeghda tiskarta l-istqarrija maghmula mill-istess imputat.

**L-imputazzjoni tal-pussess mhux ġustifikat**

L-Avukat Ġenerali għamel referenza ghall-artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> *Kull min, wara li jkun ġie ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur*

F'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2017 ġie ikkunsidrat:

> *Issa ibda biex r-reat ikkontemplat fl-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali igorr miegħu tlett elementi essenzjali u cioè:*
>
> *1. irid ikun hemm kundanna preċedenti minn qorti għar-reat tas-serq.*
>
> *2. jirrizulta l-pussess ta' frottijiet ecc. mingħajr ma tingħata kont tal-provenjenza leġittima tagħhom jew;*
>
> *3. jirrizulta l-pussess ta' għodod tajbin sabiex isir sgass ecc., mingħajr ma tingħata kont sodisfaċenti għal liema skop leġittima dawn jinstabu f'tali pussess.*

Illi l-unika sentenza li giet esebieta li għandha x'taqsam ma' reat ta' serq hija dik li hemm a fol 35 fejn l-akkuża prinċipali kienet serq ta' vettura. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, u ġaladarba rekwiżit essenzjali tagħha hu propju s-sejbien ta' ħtija tal-imputat fil-passat fuq serq u f'dan il-każ jidher mill-fedina penali li din is-sentenza ma ġietx appellata u l-multa tidher li wkoll ġiet imħallsa. Illi minn naħa tad-difiża din is-sentenza esebieta ma ġietx kontestata li ma kienx hemm deċiżjoni finali fuqha u cioè l-prova li sentenza tkun għaddiet in ġudikat sabiex persuna tista' tinstab ħatja li hi reċidiva.

Illi għalkemm il-fedina penali waħedha ma tistax tikkostitwixxi prova sodisfaċenti, madanakollu l-Qorti tista' tagħmel il-verifiki neċessarji meta tiġi esebieta sentenza tal-Qorti illi din hija waħda finali billi tara jekk l-istess tinsabx riflessa fil-fedina penali aġġornata tal-persuna akkużata. F'dan il-każ din il-Qorti rat li s-sentenza esebieta tissodisfa l-elementi kollha dwar l-identità tal-imputat huma riflessi fil-fedina penali tal-imputat minn fejn joħroġ illi ma kienx hemm appell fir-rigward. Illi l-imputat instab li kellu diversi żraben li kienu għal kollox simili għal dawk li kienu insterqu minn ġewwa stabbiliment tal-Eurosport ġewwa Raħal il-Ġdid. Illi fil-fatt kien żarbun wieħed partikolari li kellu tikketta miktuba minn waħda mill-impjegati li turi li fil-fatt b'mod ċar li kienet misruqa minn dan l-istabbiliment. Illi għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti issib ħtija.

**L-imputazzjoni ta' riċetazzjoni**

Illi fin-nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) jagħmlu referenza għar-reat ta' serq aggravat. Illi mill-provi mressqa ma hemm ebda indikazzjoni li l-imputat kien involut fis-serqa ta' dawn l-oġġetti minn dan l-istabbiliment Eurosport. Illi għalhekk dan ir-reat ipotizzat fl-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali ma jirrizultawx.

Illi fl-istess nota hemm referenza ghall-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn issir referenza ghar-reat dwar ricetazzjoni u l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza tal-Imhallef Vincent DeGaetano (Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima deciza fil-25 ta' Ottubru 2002) qalet li:

> *"Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-disposiszzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):*
>
> *Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza...Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato...[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte...a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva*

> *di esclusione della pena...Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.*
>
> *Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel imputazzjoni – iz-zewg Land Rovers – kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant. Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li Grima kien konsapevoli tal-provenjenza llecita taz-zewg vetturi. Pero` wiehed ma jridx ihallat, kif donnha jidher li ghamlet l-ewwel qorti, l-element materjali ma' l-element formali. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant kien konsapevoli (fis-sens li haseb jew kien jemmen) li l-vetturi kienu "tainted" (per ezempju, minhabba l-prezz baxx li bihom xtrahom), dan ma jezonerax lill-prosekuzzjoni milli tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu effettivament ta' provenjenza illecita kif fuq imfisser."*

Kif irritjeniet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs George Schembri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April, 1992 fejn qalet:

> "*min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-rovenjenza, hu hati ta' ricettazzjoni*".

Illi f'diversi sentenzi[1] tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ġie ddikjarat illi l-element formali jkun sodisfatt anke jekk l-akkużat jirċievi jew jixtri oġġetti filwaqt li jkollu jew inkella jmissu jkollu suspett li l-persuna li tatu dak l-oġġett setgħet ġiet f' pussess ta' tali oġġett b'mod illeċitu, u madanakollu xorta jilqa` jew jixtri tali oġġett mingħajr ma jagħmel xejn biex jivverifika u jaċċerta li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wieħed leġittimu, u mhux kif kien qiegħed jissuspetta hu.

[1] *ara: Il-Pulizija vs. John Briguglio deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Gunju 1961, Il-Pulizija vs George Tabone deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Gunju 1961, u l-Pulizija vs Tancred Borg deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ottubru 1998*

Fl-appell kriminali inferjuri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Piscopo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-21 ta' Marzu, 1953 il-Qorti rritjeniet illi:

> *"Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirriferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali."*

L-istess Qorti f' Appell Kriminali tal-24 ta' Gunju, 1961 preseduta mill-Imħallef Harding kienet eżaminat l-element tax-xjenza fir-reat ta' riċetazzjoni:

> *"L-element tax-"scienter" huwa mehtieg ghall-integrazzjoni tar-reat tar-ricettazjoni. Dan l-element jista` jirrizulta mic-cirkustanzi tal-kaz partikulari; imma is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza, legittima jew le, tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa`, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza, huwa prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat."*

Fil-kawża il-Pulizija vs Nazzareno Zarb et deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Diċembru 1998, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Diċembru, 1998, il-Qorti rriteniet illi:

> *"Fir-ricettazzjoni, ix-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirriferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali ta-serq, fis-sens li hija xjenza li tista` tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ..."*

Illi għalhekk mill-fatti u x-xhieda li għandha quddiema din il-Qorti trid tasal għal konklużjoni jekk fil-fatt l-imputat jistax jinstab hati jew le tal-imputazzjoni ta' riċetazzjoni. Illi l-unika prova li twassal għal konnessjoni bejn is-serqa li sehhet ġewwa l-istabbiliment Eurosport u l-oġġetti misjuba hija tabella bi prezz li kienet ġiet magħmula minn waħda mill-impjegati tal-istess stabbiliment. Filwaqt li z-żraben l-oħra li nstabu kull ma ngħad fuqhom li huma għal kollox simili għal dawk li kienu insterqu. Illi f'dan il-każ l-imputat ma xehedx u kif ingħad hawn fuq l-istess stqarrija tiegħu ġiet skartat għar-raġunijiet imfissra. Illi fuq l-istess skorta ta' sentenzi

kwotati hawn fuq, ix-xjenza għal każ ta' riċetazzjoni tista' tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ Illi f'dan il-każ ma nġiebet ebda prova li tindika kemm kien il-prezz li inxtraw dawn l-oġġetti li kienu qeghdin jiġu mibjugħa mill-imputat. Illi però din it-tabella ladarba ġiet identifikata li ġiet magħmula mill-impjegata tal-istess stabbiliment ma tistax tiġi injorata dwar l-oġġetti kif waslu għand l-imputat. Illi hija ċara li dawn iż-żraben li kienu fil-pussess tal-imputat kellhom provenjenza dubjuża u dan huwa stess seta' jasal għal dan il-fatt kif kellu dan iż-żarbun partikolari bil-prezz imwahhal meta ma kienx hemm bejgħ tiegħu iżda kien ġie misruq. Illi f'dan il-każ ma kienx hemm prova konkreta li tpoġġi l-imputat fis-serqa li setgħet sehhet iżda mingħajr ombra ta' dubju, l-fatt li kellu dan iż-żarbun partikolari, fiċ-ċirkostanzi tal-każ twassal għal sejbien ta' ħtija ta' riċetazzjoni.

**L-akkuza tar-Recidiva – l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat gie akkużat ukoll li f'każ ta' ħtija jitqies li huwa reċidiv taht l-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi għandu li l-prosekuzzjoni esebiet żewġ sentenzi fil-konfront tal-imputat li fis-sentenza bid-data tat-12 ta' Mejju 2010 (a fol 35) fejn sentenza sospiża u cioè sentejn priġunerija sospiża għal erba snin. Kif ukoll sentenza oħra bid-data 14 ta' Diċembru 2009 (a fol 39) kien weħel multa. Illi dawn is-sentenza għandhom jiġu ikkunsidrati.

Illi rigward dawn is-sentenzi li ġew esebieti l-Qorti tagħmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda*

> *jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi bla dubju ta' xejn fiż-żewġ sentenzi esebieti jidher b'mod ċar li dawn qeghdin jirreferu għal istess imputat u dan hemm n-numru tal-karta tal-identità li taqbel ma' dik li hemm fl-akkużi kontra tiegħu kif ukoll għal dik tat-tieni sentenza esebieta. Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal sentenza oħra tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Grech**' deċiża nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imħallef Edwina Grima fejn il-Qorti għallmet illi fl-eventwalita li l-piena mposta fuq l-imputat permezz ta' sentenza preċedenti kienet dik ta' multa,

> "*Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa.*"

Illi f'dan il-każ fis-sentenza mgħotija fl-14 ta' Diċembru 2009, il-ħlas tal-multa skont ma' jidher fil-fedina penali ġiet konvertita ghal dik ta' priġunerija ghal sitt xhur u dan qiegħed jingħad għal dak li hemm fl-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt fl-ewwel sentenza esebieta ai fini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat kien inghata sentenza sospiża ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin (kif ukoll multa) fit-12 ta' Mejju 2010. Illi l-imputat huwa akkużat b'dan ir-reat bid-data tat-8 ta' Novembru 2015 u fiż-żmien ta' qabel. Waqt li f'din is-sentenza huwa kien ġie misjub hati fit-12 ta' Mejju 2010. Illi ai fini tal-artikolu 50, sabiex ikun hemm awment tal-piena fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, biex japplika Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta persuna trid tikkommetti reat fi żmien għaxar snin jew ħames snin minn meta tkun intemmet il-piena. Illi f'dan il-każ is-sentejn priġunerija kienu sospiżi għal erba' snin u għalhekk il-perijodu operattiv tagħha kienu għaddew meta ġie akkużat b'dan ir-reat iżda ma kienux għaddew il-ħames snin.

Illi għalhekk din il-Qorti trid tara jekk f'dan il-każ l-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta japplikax jew le. Illi f'dan il-każ il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza kien għadda u għalhekk ai fini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa reċidiv kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitqies li huwa ikkommetta reat ieħor wara li ġiet skontata din is-sentenza.

Illi jingħad ghas-sentenza mgħotija fl-14 ta' Diċembru 2009 fejn il-multa ġiet konvertita għal sitt xhur priġunerija u għalhekk f'dan il-każ minħabba li l-akkuża għal dak li jgħid l-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma japplikax u minħabba l-fatt li l-ħames snin msemmija fl-istess artikolu 50 inqabeż. Illi għal dan il-każ l-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax.

Illi għalhekk din il-Qorti qegħda ssibu hati li huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 261, 267, 279, 287 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat Rodrick Muscat ħati tal-akkuzi kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal perjodu ta' seba' (7) xhur prigunerija effettivi li minnhom għandu jitnaqqas kull zmien li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati.**

**Dwar l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-ħati Roderick Muscat iħallas is-somma ta' disa' mija sitta u għoxrin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€926,25) lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**